MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 52/2010

***Francis Busuttil & Sons Marketing Limited (C24137)***

***Vs***

***Paul Cassar (ID 581360M)***

Il Qorti

Rat l-avviz ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited ippresentat fit 22 ta' Frar 2010 illi biha huma talbu lill Qorti sabiex tikkundanna lill Paul Cassar ihallasha s-somma ta' tlett elef tmien mija disgha u hamsin Euro u disgha u sittin centezmu (3,859.69) rapprezentanti valur ta' stock tas-socjeta attrici fdati f'iden l-istess Paul Cassar meta huwa kien impjegat mal-istess socjeta attrici u li ma gewx minnu ritornati.

Rat ir-risposta ta' Paul Cassar datata 16 ta' Gunju 2010 illi biha huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici kien infondati fil fatt u fid dritt peress illi ma kienx minnu illi l-intimat kellu fil-pussess tieghu xi stock tas-socjeta attrici illi ma gewx minnu ritornati jew li gew minnu misappropriati kif allegat mill-istess socjeta rikorrenti.

**Provi**

Rat ix-xhieda prodotta quddiem dina il-Qorti, kif diversament ppresjeduta, fl-1 ta' Dicembru 2010, ossija ta' **Anton Dalli**, bhala Head of Operations tal-istess socjeta rikorrenti. Huwa stqarr illi l-intimat Paul Cassar darba kien impjegat tas-socjeta rikorrenti u dana kemm bhala delivery man u bhala salesman. Huwa kien idur mal-varji klijenti tas-socjeta rikorrenti u jbieghilhom ix-xoghol illi huwa kien jghabbi fil-vann tieghu.

Dalli qal illi s-socjeta rikorrenti irrizultalha, wara studju illi ghamlet, li kien hemm diskrepanza fil-bejgh tal-intimat, fis-sens illi kien hemm ammont ta' flus illi kien jidher li ma giex minnu ritornat lilhom. Di fatti, fis 27 ta' Marzu 2008, huwa accetta permezz ta' ittra mibghuta minnu lill Franco Busuttil u ikkonfermata bix-xhieda ta' Anton Dalli u Natalie Scerri, li kien hemm diskrepanza favur is-socjeta rikorrenti ta' tlett elef u mija u disghin Euro (3,190), liema somma, flimkien mal-imghax, kienet ser tibda tithallas permezz ta' pagamenti rateali ta' mitt Euro (100) fix-xahar li kellhom jitnaqqsu mill-paga tieghu.

Wara l-iffirmar ta' tali ftehim, l-intimat beda jahdem bhala delivery man, u baqa jahdem mas-socjeta rikorrenti ta' Frar tas-sena 2009, f'liema periodu huwa beda ihallas il-pagamenti sitpulati u infatti saru hdax-il pagament ta' mitt Euro il-wiehed, total ta' elf u mitt Euro (1,100). Is-socjeta rikorrenti kellha diversi ilmenti dwar l-intimat u ghalhekk, fi Frar 2009, tterminat l-mpjieg tieghu.

Sussegwentement, kitbu lill-intimat sabiex ihallas l-ammont minnu accettat fis 27 ta' Marzu 2008 kif ukoll diversi invoices illi kienu ta' merkanzija illi huwa kien biegh

lill-klijenti illi s-socjeta rikorrenti ma jkollha ebda record taghhom, izda l-intimat baqa ma hallasx.

Dwar l-invoices rikjesti illi jmorru oltre l-ammont minnu accettat, Dalli jghid illi l-invoices inhargu f'isem l-intimat peress illi kull salesman ghandu kont tieghu u l-bejgh kienu jigu mnizzla fuq il-kont tieghu peress illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx taf lill min attwalment inbieghet il-merkanzija u dawna ikunu 'cash deliveries'. Dawna l-invoices jammontaw ghall elf seba mija u disghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (1,790.72) li minnhom l-ammont ta' mitejn u sbatax-il Euro u wiehed u sittin centemu (217.61) rappresentanti tlett pagamenti jidher ill thallsu fl-istatement ippresentat mill-istess Dalli u mmarkat Dok AD2.

Fis-seduta tat 22 ta' Marzu 2011, xehed quddiem dina l-Qorti diversament ppresjeduta, **Paul Cassar**, fejn stqarr illi huwa kellu jaghti ammont ta' flus lis-socjeta rikorrenti illi huwa beda jhallas ratealment u li, sad-data meta huwa telaq, kien nizel ghal elfejn u mija u disghin Euro (2,190). Madanakollu, meta huwa telaq mix-xoghol, s-socjeta rikorrenti dawwret ghal fuqu kontijiet tal-hwienet kollha illi huwa kien jissuplixxi u li ma kienux hallsu, u ghalhekk telghulu l-kont ghal madwar erbat elef Euro.

Dwar tali kontijiet, l-intimat oggezzjona ghalihom peress illi huwa qal li kien imur go hwienet illi ma kienux ghadhom thallsu u meta kien jinforma lis-superjur tieghu, Gerald Borg Mizzi illi ma kienx ser jisuplixxi l-hanut, dana ta' l-ahhar kien jghidlu biex jisupplihom xorta wahda ghax ma kienx sew illi jithallew magni tal gelati vojta. Huwa sussegwentement kien jirritorna id-delivery note, li ma kienetx dik illi s-socjeta rikorrenti ippresentat il-Qorti, u, minghajr ma kien jaf, kien inizzlu il-kont dovut fuq ismu. L-intimat ikompli jghid illi l-invoices kollha ippresentati mis-socjeta rikorrenti, huma foloz, salv l-invoice Nru 08/046170, li huwa gharaf li kien hemm il-firma tieghu fuqha u li minnha huwa ikkonferma ukoll illi kien gia sar pagamenti ta' mitejn Euro (200) mill-ammont ta' tlett mija u disa Euro u hmistax-il centezmu (309.15) dovut filwaqt illi l-bilanc huwa ma hallsux peress illi s-socjeta rikorrenti

kellha thallsu commission fil valur ta' ftit aktar minn mitt Euro u ghalhekk huwa ma hallashomx sabiex ipaci dak dovut lilu.

L-intimat ghamel referenza ukoll ghall ftehim illi huwa ghamel fis 27 ta' Marzu 2008 mas-socjeta attrici, u stqarr li huwa kien kostrett illi jiffirmaha ghax inkella ma kienux ser jaghtuh il-paga u kienu ser jibghatuh il-habs.

In kontro ezami, l-intimat sahaq illi, filwaqt illi huwa accetta li kellu jaghti l-flus indikati fil ftehim tas-27 ta' Marzu 2008, huwa ma accettax dwar il-pagamenti li kellhom isiru u kien biss meta qablu li ihallas pagamenti ta' mitt Euro fix-xahar illi huwa ffirma il-ftehim. Huwa sahaq ukoll illi qatt ma kien responsabbli mill-bejgh peress illi huwa kien responsabbli biss tax-xoghol illi kellu fit-truck u kien hemm manager responsabbli ghax-xoghol illi kien qed jinbiegh.

L-intimat stqarr ukoll illi meta beda jahdem mas-socjeta rikorrenti fis-sena 2005, is-socjeta kellha sistema fejn l-invoices kienu isiru manwalment, Eventwalment inbidlet is-sistema fis-sena 2007. Madanakollu, l-intimat sahaq illi huwa fl-ebda mument ma kien responsabbli ghall flus li ma ingabrux u qal li meta spicca bhala Sales Rep, huwa ta' hand over lill min beda jahdem floku u ghalhekk huwa kellu jiehu hsieb illi jigbor tali flejjes.

Fis-seduta tal 4 ta' Lulju 2011 xehed quddiem dina l-Qorti **Gerard Borg Mizzi** illi stqarr li huwa kien Sales Manager mas-socjeta rikorrenti u dan ghal erbatax-il sena sat-30 ta' Settembru 2008 u l-intimat kien wiehed mis-Sales Reps tieghu. Huwa stqarr illi l-intimat kien jahdem fil-bejgh tal-gelati meta kien mieghu. Huwa kkonferma li s-socjeta rikorrenti kellha sistema fejn Sales Rep kien responsabbli ghall bejgh meta ma jkunx indikat il-klijent, liema responsabblita' tibqa mieghu sakemm huwa jkun qed jahdem bhala Sales Representative. Fil-kaz tal-intimat, Borg Mizzi stqarr illi meta l-intimat gie mibghut jahdem gewwa l-istore wara li kien iffirma il ftehim tas 27 ta' Marzu 2008, huwa ma kienx responsabbli illi jigbor il-flus peress illi dana kien jinkombi fuq min ha x-xoghol ta' Sales Representative minghandu.

Dwar l-invoices ippresentati mis-socjeta rikorrenti, Borg Mizzi stqarr illi fuq l-invoices jidher indikat min huma il-klijenti li nghaddilhom il-prodott illi ghalihom qed jintalab l-intimat ihallas, u huwa nnota ukoll li, sa fejn jaf hu, s-socjeta rikorrenti ghadha qed tipprovdi xoghol lill dawna l-klijenti u ghalhekk ma setax jifhem kif tali flejjes ma kienux ingabru. Huwa stqarr ukoll illi s-sistema adoperata mis-socjeta rikorrenti kienet tipprovdi li l-invoice originalment jinhareg fuq il-klijent u, meta dana ma jhallasx, imbghad tinhareg invoice ohra f'isem is-sales representative.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, jidher ampjament ippruvat, anke fuq ammissjoni tal-istess intimat, kemm fil-korrispondenza tal-konsulent legali tieghu datata 4 ta' Gunju 2009 kif ukoll fix-xhieda tieghu, illi s-somma ta' 3,190 Euro kienet dovuta minnu, minn liema somma huwa kien attwalment gia hallas 1,100 Euro b'mod illi l-intimat jaqbel illi hemm ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ta' 2,090 Euro.

Mill-provi jirrizulta ukoll illi, mill-ammissjoni tal-intimat stess, is-somma ta' 309.15 Euro relatata mal-invoice 08/046170 ingabret minnu, u ghadda biss l-ammont ta' 200 Euro peress illi kkontenda illi l-bilanc ta' 109.15 Euro kien lilu dovut ghall 'Commission" li ma kienet giet lilu imhallsa.

Irrizulta ukoll mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi s-socjeta attrici kienet tadopera sistema fejn, meta hija ma tkunx giet infurmata mir-rappresentant taghha lill min ikun inbiegh il-prodott illi tieghu ikun ghadu ma sarx il-hlas, hija talloka tali hlas bhala dovut mis-Sales Representative.

Il-Qorti tifhem illi l-hsieb wara tali azzjoni hija intenzjonata sabiex tqieghed aktar pressjoni fuq l-impjegati taghha sabiex huma jigbru il-flejjes dovuti lilha. Madanakollu, irrizulta mill-provi prodotti li, wara li s-socjeta rikorrenti qabdet lill intimat f'diskrepanza konsiderevoli, filwaqt illi wasslet fi ftehim mieghu dwar pagamenti rateali, biddlet

ix-xoghol tal-intimat u minn Sales Representative spicca jahdem gewwa l-istores tal-istess socjeta rikorrenti bhala Delivery man. Kif stqarr l-istess intimat, huwa kien ghamel 'hand over' tal-klijenti li kellu lill persuna illi dahal bhala Sales Representative minfloku u, minn dak il hin 'l hemm kien f'idejn tali persuna sabiex jigri wara il-flejjes dovuti lis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti, filwaqt illi tifhem li s-socjeta rikorrenti taghmel minn kollox sabiex tassikura li l-flejjes lilha dovuti jingabru, thoss illi ma huwiex legalment korrett illi hija titlob lis-Sales Representatives sabiex jaghmlu tajjeb ghal tali flejjes f'kaz illi l-klijenti ma jhallsux. Apparti minn hekk, anke kieku wiehed kellu jikkonsidra li tali prassi adoperata minnha hija accettabbli, il-fatt li s-socjeta rikorrenti waqqfet lill intimat milli jkompli jaccedi ghal klijenti bil-prodotti taghha inevitabbilment wasslet sabiex l-intimat ikun prekluz milli jigri wara il-flejjes dovuti lis-socjeta rikorrenti, liema obbligu kien issa jispetta ghall persuna illi kienet hadet il-portfolio ta' klijenti illi kellu qabel l-intimat.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tinnotax illi, filwaqt li fis-27 ta' Marzu 2008, is-socjeta rikorrenti wasslet lill intimat sabiex, irrespettivament mill-metodi allegatament adoperati jew le, jaqbel illi kellu jaghti ammont ta' flus lura lill istess socjeta rikorrenti, dakinhar ma semmew ebda kontijiet pendenti ta' klijenti li kien responsabbli ghalihom l-intimat. Kieku kien vera dak li s-socjeta rikorrenti qieghda tallega li l-intimat kien responsabbli ghal dawk il-kontijiet ukoll, hija certament kienet tinkludihom fil-ftehim illi hija imponiet fuq l-intimat, haga illi hija ma ghamiltx, minkejja li kienet taf illi ma kienx ser jibqa jahdem bhala Sales Representative.

Il-Qorti ghalhekk thoss illi fil-kaz odjern kien konvenjenti ghas-socjeta rikorrenti titlob il-hlas tal-kontijiet pendenti minghand l-intimat taht il-pretest illi huwa kien responsabbli ghalihom, la darba hija allegatament ma gabritx tali flejjes mill-klijenti li ma kienetx taf, ghalkemm il Qorti innutat illi fir-rimarki tal-istess kontijiet li taghhom qed jintalab il-hlas, hemm kemm referenza, f'uhud, ghall hwienet fejn sar il-bejgh kif ukoll hemm referenza ghall-kontijiet precendenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi prodotti u semghet it-trattazzjoni tal-abbli avukati.

Tiddeciedi l-kaz billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat limitatament ghal dak li jirrigwarda l-invoices fuq imsemmija li nhargu fuq isem l-intimat wara illi dawna ma thallsux mill-klijenti, tichadha ghal dak li jirrigwarda il-flejjes imsemmija mill-istess intimat bhala dovuti lis-socjeta rikorrenti u ghalhekk tilqa' t-talba attrici limitatament billi

Tikkundanna lill intimat Paul Cassar ihallas lis-socjeta rikorrenti Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited is-somma ta' elfejn, mija u disgha u disghin Euro u hmistax-il centezmu (2,199.15), rappresentanti il-bilanc ta' elfejn u disghin Euro (2,090) dovut mill-ftehim datat 27 ta' Marzu 2008 u il-bilanc ta' mija u disa Euro u hmistax-il centezmu (109.15) dovut ghall invoice 08/046170 li tieghu l-intimat kien gabar l-import kollu ta' tlett mija u disgha Euro u hmistax-il centezmu (309.15) izda radd lura biss mitejn Euro.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat u bl-imghax jibda jiddekorri mit-22 ta' Frar 2010 sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------